# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 16 ta' Gunju 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 322/21 JVC**

**Klesta Cela (K.I Nru 26142A)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Klesta Cela kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

'Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Ir-rikorrenti twieldet fl-Albania fis-26 ta' Marzu 1985 minn Kujtim Cela u Vjolanda nee Hitaj u dan skont iċ-Ċertifikat

tat-Twelid hawn anness (Dok A). Hija ngħatat l-isem 'Klesta Cela'.

2. Fil-11 ta' Ġunju 2010, ir-rikorrenti iżżewġet lil Erandi Tusku fir-Reġistru Pubbliku, il-Belt Valletta. ( Dok B.)

3. Ir-rikorrenti kienet espremiet ix-xewqa tagħha illi żżomm kunjom xbubitha maż-żwieġ, u qatt ma qablet li tieħu kunjom ir-raġel tagħha, iżda riċentament, preċiżament fit-12 ta' Marzu 2021, meta marret tapplika għal-karta tal-identità tagħha, ir-rikorrenti ġiet infurmata mil-uffiċjali tal-Identity Card Unit illi kunjomha kien se jidher bħala "Tusku".

4. Dan kien ta' xokk kbir għar-rikorrenti u meta staqsiet ir-raġuni għal tali bidla, hija ġiet infurmata illi dan kien skont l-att taż-żwieġ tagħha. Sussegwentament, ir-rikorrenti ordnat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha fejn irriżulta illi s-sezzjoni relevanti fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha kienet imħassra, u b'konsegwenza ta' dan maż-żwieġ hija ħadet kunjom ir-raġel tagħha, ossia 'Tusku' u dan billi tidher id-dikjarazzjoni: "jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nieħu kunjom tar-raġel"

5. Tul il-ħajja miżżewġa, fuq kull dokument uffiċjali, hija baqgħet magħrufa b'kunjom xbubitha, u ċioe, baqgħet magħrufa bħala 'Klesta Cela'.

6. Il-premess huwa rifless ukoll f'numru ta' dokumenti u atti uffiċjali f'isem ir-rikorrenti, fosthom id-dokument ta' residenza fejn hija kienet indikata bħala 'Residence Card of a

Family member of a Union Citizen' bin-numru, MT 8873955, li kien maħruġ fl-2013, u cioe wara iż-żwieġ tal-partijiet **(Dok Ċ)** kif ukoll fil-karta tar-residenza tagħha bin-numru MT 3129663 li kienet maħruġa fl-14 ta' Diċembru 2018 **(Dok D)** .

7. Ir-rikorrenti u Erandi Tusku isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 26 ta' Settembru 2019 **(Dok E )**, fejn hija dehret bħala ' Klesta Cela'. Billi ħadd ma kien induna bl-iżball fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha, l-ebda dikjarazzjoni dwar l-għażla tal-kunjom tagħha fl-att pubbliku tas-separazzjoni ma kienet inkluża sabiex effettivament tirriverti għal kunjom xbubitha.

8. Sussegwentament, anke meta l-esponenti u l-ex raġel tagħha intavolaw rikors għal-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ tagħhom, l-esponenti kienet indikata bħala 'Kelsta Cela', dan ukoll kien rifless fil-verbal datat 8 ta' Jannar 2020 **(vera kopja Dok F)** ir-rikorrenti dehret għal darb' oħra bħala 'Klesta Cela'.

9. Ir-rikorrenti hija wkoll indikata bħala 'Klesta Cela' fil-passaport Alabaniż tagħha maħruġ fis-26 t'Ottubru 2020 **(Dok G)** kif ukoll fiċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija tagħha maħruġ fit-18 ta' Frar 2021 **(Dok H)**

10. Hija tidher ukoll bħala 'Klesta Cela' fil-liċenzja tas-sewqan, tagħha **( Dok I )**, fiċ-ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija **(Dok J**), kif ukoll hija rreġistrata mal-kummissarju tat-taxxi **(Dok K)**, u ma'- Jobs Plus **( Dok L)** bl-istess isem, u qatt ma kienet magħrufa bħala Klesta Tusku.

11. L-esponenti għandha interess li l-atti kollha fosthom fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha jindika kunjomjha propju u ċioe 'Cela' .

12. Tali inkonsistenza fil-kunjom tal-esponenti saret magħrufa lill-esponenti mill-*Identity Management Office* riċentament u qiegħda tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti, u għalhekk l-esponenti għandha interess li ssir id-debita annotazzjoni fl-Att taż-Żwieġ tagħha sabiex jirrifletti kunjoma 'Cela'.

13. Dan ir-rikors qiegħed isir ai termini tal-Artikolu 253 *et sequitur* u l-Artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

<u>Raġuni tat-Talba</u>

Illum il-ġurnata ir-rikorrenti u Erandi Tusku, m'għandhom l-ebda relazzjoni bejniethom, ma hemm xejn li jorbothom flimkien u anqas ma għadhom kuntatt ma xulxin.  L-esponenti qatt ma kienet imsejħa 'Klesta Tusku', anqas waqt il-ħajja matrimonjali tagħha, u ċertament ma tridx li tibda tissejjaħ b'kunjom persuna li m'għandha ebda rabta miegħu illum il-ġurnata. Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.

**<u>Talbiet</u>**

Jgħid għalhekk l-intimat, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikorrenti dejjem kienet, u hija konsistentement imsejjħa u magħrufa bħala 'Klesta Cela' u mhux bħala 'Klesta Tusku'.

2. Tordna li d-dikjarazjoni li taqra *"jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nieħu kunjom tar-raġel"* tigi korretta li tindika li ghazlet li zzomm kunjom xbubitha minn fuq l-att taż-żwieġ numru 844/2010.

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' 844/2010, sabiex kunjom ir-rikorrenti jiġi indikat "Cela" minflok "Tusku" ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili

4. Tordna illi l-Atti l-oħrajn kollha li r-rikorrenti jista' jkollha fil-futur ikunu jirriflettu l-kunjom li ilha ħajjitha kollha tkun identifikata bih, *ossia* 'Cela' .

5. Tordna lir-Reġistratur sabiex jagħti kopja vera tal-eventwali deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lid-direttur sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet ai termini tal-Artiklu 256 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-intimat.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, għandu jingħad li ai termini tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, għandha ssir id-debita

publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi qabel xejn ukoll, u għall-kull bon fini, l-esponent jirrileva li l-Avukat tal-Istat għadu mhuwiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi bla ħsara għall-premess u preliminarjament ukoll, l-esponent jeċċepixxi li safejn l-azzjoni hija bbażata **fuq l-Artikolu 257** tal-Kap. 16, kif indikat mill-premessa numru 13 tar-rikors ġuramentat, din l-Onorabbli Qorti **m'għandiex kompetenza** ratione materiae. Di fatti, l-Artikolu 257 tal-Kap. 16 ċarament jindika li azzjoni ai termini ta' tali artikolu għandha ssir quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili kif preseduta;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti ma kellhiex Att tal-iStat Ċivili reġistrat mal-konvenut Direttur qabel iż-żwieġ tagħha ma' 'Erandi Tusku' li seħħ f'Malta fil-ħdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u għaxra (2010). Di fatti, kien l-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni 801 tas-sena 2010, hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1', l-ewwel Att ta' Stat Ċivili reġistra f'Malta. Kif jixhed l-istess Att, kienet ir-rikorrenti stess li ddikjarat li se tieħu l-kunjom tar-raġel wara li jseħħ iż-żwieġ, u dan kif tixhed ukoll l-Applikazzjoni għall-Pubblikazzjoni tat-Tnidijiet taż-Żwieġ tagħha, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 2';

6. Illi kif ammetiet ir-rikorrenti stess fir-rikors ġuramentat tagħha u kif jindikaw 'Dok E' u 'Dok F' li ġew annessi mal-istess

rikors promotur, ir-rikorrenti fil-proċeduri tas-separazzjoni u tad-divorzju tagħha naqset milli tagħmel it-talbiet ai termini tal-Artikoli 62 u 66L tal-Kap. 16. Għalhekk kemm fil-kuntratt tas-separazzjoni u kif ukoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-8 ta' Jannar tal-2020 biċ-ċitazzjoni numru 543/2019 AGV, ta' liema kopja informali qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 3', la hemm indikazzjoni li r-rikorrenti riedet tirreverti lura għall-kunjom xbubitha u laqas hemm ordni lid-Direttur konvenut sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa sabiex ir-rikorrenti terġa tirreverti għall-kunjom xbubitha;

7. Illi riċentament dis-sena l-esponent irreġistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti wara talba, hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. DRP 4', magħmula taħt l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, illi speċifikament jippermetti illi jiġi reġistrat Att tat-Twelid esteru. Għaldaqstant, l-esponent ottempora ruħu mal-liġi u rreġistra l-Att tat-Twelid abbażi tal-Att esteru li ġie pprovdut lilu, liema dokument huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 5'. F'tali każ, l-esponent jissottolineja illi reġistrazzjoni ta' Att ta' Stat Ċivili ssir billi d-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Ċivili esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti. Għalhekk, l-esponent ipprovda lill-attriċi bl-Att tat-Twelid Malti bin-numru ta' iskrizzjoni 1122 tas-sena 2021, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 6';

8. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

9. **Illi fir-rigward tat-tieni talba**, l-esponent jirrileva li tali talba ma tistax tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti għaliex ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 16 wieħed jistgħa jitlob **korrezzjoni, reġistrazzjoni jew tħassir ta' reġistrazzjoni** tal-atti imma ma jistax jitlob għall-kanċellazzjoni ta' kliem fl-atti. Filfatt, tali korrezzjonijiet isiru **b'permezz ta' annotazzjonijiet** fuq l-att relattiv u mhux b'permezz tal-kanċellazzjoni tal-kliem, speċjalment meta fil-każ odjern il-kliem "*jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nieħu kunjom tar-raġel*" jindikaw id-dikjarazzjoni li r-rikorrenti stess għamlet u ffirmat kemm fl-Att taż-Żwieġ u kif ukoll fl-Applikazzjoni għall-Pubblikazzjoni tat-Tnidijiet taż-Żwieġ. Isegwi għalhekk li ma jistax isir u m'hemmx bżonn il-kanċellazzjoni tal-kliem "*jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nieħu kunjom tar-raġel*" kif indikat fir-rikors promotur, għaliex f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel, it-tielet u l-ħames talbiet attriċi, l-esponent jagħmel annotazzjoni fejn jindika li r-rikorrenti rrivertiet għal kunjom xbubitha 'Cela'. Għaldaqstant, **it-tieni talba kif dedotta fir-rikors promotur ma timmeritax li tiġi akkolta**;

10. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, **fir-raba' talba** tagħha r-rikorrenti qiegħda titlob ukoll sabiex l-Atti l-oħrajn kollha li r-rikorrenti jista' jkollha fil-futur ikunu jirriflettu l-kunjom Cela. F'dan ir-rigward, id-Direttur konvenut jeċċepixxi li hu ma jistax u m'għandux jintrabat b'tali talba għaliex fil-futur jistgħu jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn l-istat ċivili tar-rikorrenti jinbidel. Illi di piu', l-esponent jistqarr li f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa l-ewwel, it-tielet u l-ħames talbiet attriċi, kull Att tal-iStat Ċivili segwenti ħa jindika awtomatikament li l-kunjom tar-rikorrenti huwa 'Cela', salv jekk ma jkunx hemm ċirkostanzi fejn il-kunjom tar-rikorrenti jinbidel, bħal per eżempju, b'permezz ta' żwieġ,

unjoni ċivili jew ordni tal-qorti kompetenti. Fid-dawl tas-suespost u għaldaqstant, l-esponent jirrileva li r-**raba' talba kif dedotta mir-rikorrenti ma timmeritax li tiġi akkolta** minn din l-Onorabbli Qorti;

11. Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil tal-kunjom tar-rikorrenti fl-Atti tal-iStat Ċivili tagħha, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandha tispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

12. Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess u fid-dawl tas-suespost, fir-rigward tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames talbiet l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, filwaqt li l-esponent joġġezzjona għat-tieni u għar-raba' talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti;

13. Illi finalment u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

14. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'.

Rat il-korrezzjoni mitluba fil-verbal tallum fejn Dr Rebecca Mercieca ghar-rikorrenti talbet korrezzjoni fit-tieni talba tar-rikors guramentat u cioe' fejn hemm il-kliem 'tigi kkancellata minn' jigi jinqara 'tigi korretta li tindika li ghazlet li zzom kunjom xbubitha' u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba;

Rat illi konsegwenza tal-korrezzjoni u stante li saret id-debita pubbblikazzjoni kif jirrizulta mill-atti, d-Direttur tar-Registru Pubbliku rtira l-ewwel, it-tieni u d-disa' eccezzjoni tieghu;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat fosthom certifikati mahruga mill-istess Direttur intimat, employment history u kif ukoll dokumenti ta' residenza tar-rikorrenti wkoll mahruga minn Awtoritajiet Maltin li lkoll juru l-kunjom 'Cela' u mhux 'Tusku';

Rat ukoll l-atti ta' separazzjoni u divorzju li wkoll jevidenzjaw li r-rikorrenti baqghet dejjem maghrufa bil-kunjom 'Cela' u mhux 'Tusku' u difatti fil-kuntratt ma sar l-ebda accenn ghal kunjom;

Rat ukoll il-licenzja tas-sewqan, ic-certifikat ta' kondotta mahrug mill-Pulizija ta' Malta, l-'compliance certificate' mahrug mill-ufficju tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' Malta u 'employment history' li lkoll juru l-uzu tal-kunjom Cela f'dokumenti mahruga mill-awtoritajiet Maltin;

Rat illi saret id-debita pubbblikazzjoni a fol. 34 u 35 tal-process;

Rat in-nota tar-rikorrenti a fol. 37 tal-process;

Rat in-nota tar-rikorrenti prezentata llum stess kontenenti affidavit tal-istess rikorrenti minn fejn jirrizulta car illi baqghet dejjem tuza l-kunjom 'Cela' anki maz-zwieg taghha fis-sena 2010 u fil-fatt dan huwa wkoll evidenzjat mid-dokumentazzjoni kollha esebita fl-atti u li referenza ghalihom saret aktar il-quddiem;

Il-Qorti mill-atti vverifikat li effettivament ir-rikorrenti qatt ma kienet maghrufa bil-kunjom 'Tusku' izda dejjem kienet u baqghet maghrufa bl-isem ta' Klesta u bil-kunjom 'Cela' u ghalhekk il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess ukoll fl-ahjar interess tal-pubbliku in generali li jirrizulta li jaf lir-rikorrenti bil-kunjom indikat minnha u cioe' 'Cela' u mhux dak li jirrizult fuq ic-certifikat.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi :

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti dejjem kienet, u hija konsistentement imsejjħa u magħrufa bħala bl-isem ta' 'Klesta' u 'Cela' ghal dak li huwa kunjom u mhux bħala 'Klesta Tusku'.

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li d-dikjarazzjoni li taqra *"jien hawn taħt iffirmata (il-mara) niddikjara li nieħu kunjom tar-raġel"* tigi korretta sabiex[1] jigi ndikat li ghazlet li zzomm kunjom xbubitha fuq l-att taż-żwieġ numru 801/2010[2].

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti li jġib in-numru 801/2010[3], sabiex

[1] Korrezzjoni permezz ta' digriet datat 7 ta' Lulju 2021
[2] Korrezzjoni permezz ta' digriet datat 7 ta' Lulju 2021
[3] Korrezzjoni permezz ta' digriet datat 7 ta' Lulju 2021

kunjom ir-rikorrenti jiġi indikat "Cela" minflok "Tusku" u dan ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili.

5. Tichad ir-raba' talba abbazi tal-ghaxar eccezzjoni tad-Direttur ntimat u stante li dak li qed jintalab jirreferi ghall-futur u ghalhekk legalment mhux gustifikat.

6. Tilqa' l-hames talba kif dedotta u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis li d-Direttur intimat ma kellu l-ebda tort fil-bidla tal-kunjom u ghalhekk l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**16 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Gunju, 2021**